

31987L0404

L 220/48

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.8.1987

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tal-25 ta' Ġunju, 1987****dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' tankijiet sempliċi ta' pressjoni**

(87/404/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

minħabba li huma essenzjali, dawn il-ħtiġijiet għandhom ibiddlu d-dispożizzjonijiet nazzjonali korrispondenti;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 100 ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi Stati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw is-sigurtà ta' persuni, annimali domestiċi u proprjetà fit-territorju tagħhom rigward il-perikli li jirriżultaw mit-tnixxija jew tifqiegħ ta' tankijiet sempliċi ta' pressjoni;

Billi, f'kull Stat Membru, dispożizzjonijiet mandatorji jiddefinixxu b'mod partikolari l-livell ta' sigurtà meħtieġa minn tankijiet sempliċi ta' pressjoni billi jispeċifikaw il-karatteristiċi ta' disinn u tħaddim, kundizzjonijiet ta' stallazzjoni u użu u proċeduri ta' spezzjoni qabel u wara li jitqiegħdu fis-suq; billi dawn id-dispożizzjonijiet mandatorji ma jwasslux neċessarjament għal livelli ta' sigurtà differenti minn Stat Membru għal ieħor iżda, bin-nuqqas ta' qbil tagħhom, ifixklu l-kummerċ fi ħdan il-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiżguraw din is-sigurtà għandhom ikunu armonizzati biex jiggarantixxu moviment liberu ta' tankijiet sempliċi ta' pressjoni mingħajr ma jbaxxu livelli ta' protezzjoni eżistenti u ġustifikabbli fl-Istati Membri;

Billi leġislazzjoni tal-Komunità kif inhi qiegħda bħalissa tipprovdi li, minkejja waħda mir-regoli fundamentali tal-Komunità, jiġifieri l-moviment liberu ta' l-oġġetti, ostakoli għall-moviment fil-Komunità li jirriżultaw minn nuqqas ta' qbil fil-liġijiet nazzjonali dwar il-bejgħ ta' prodotti għandhom ikunu aċċettati sakemm dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu rikonoxxuti kif meħtieġ biex jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali; billi l-armonizzazzjoni ta' liġijiet fil-każ preżenti għandha għalhekk tkun limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' sigurtà għal tankijiet sempliċi ta' pressjoni; billi,

Billi din id-Direttiva għalhekk għandha biss ħtiġijiet mandatorji u essenzjali; billi, biex tkun iffaċilitata prova ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali, huwa neċessarju li jkun hemm normi armonizzati f'livell Ewropew b'mod partikolari għad-disinn, tħaddim u stallazzjoni ta' tankijiet sempliċi ta' pressjoni biex prodotti li huma konformi magħhom jistgħu jitqiesu li huma konformi mal-ħtiġijiet tas-sigurtà; billi dawn in-normi armonizzati f'livell Ewropew huma mfassla minn korpi privati u għandhom jibqgħu testijiet mhux mandatorji; billi għal dak il-għan il-Kumitat Ewropew għal Standardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Ewropew għal Standardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) huma rikonoxxuti bħala l-korpi kompetenti għall-adozzjoni ta' normi armonizzati bi qbil ma' mal-linji ta' gwida ġenerali għal koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u dawk iż-żewġ korpi ffirmati fit-13 ta' Novembru, 1984; billi għall-finijiet ta' din id-Direttiva, norma armonizzata hija speċifikazzjoni teknika (norma Ewropea jew dokument ta' armonizzazzjoni) adottat minn wieħed jew miż-żewġ korpi fuq proposta mill-Kummissjoni bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu, 1983 li jstabbilixxi proċedura għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni fil-qasam ta' normi u regolamenti tekniċi <sup>(4)</sup> u l-linji ta' gwida ġenerali msemmija hawn fuq;

Billi iċċekkjar dwar konformità mal-ħtiġijiet tekniċi relevanti huwa meħtieġ biex tkun provduta protezzjoni effettiva għal konsumaturi u terzi persuni; billi l-proċeduri ta' spezzjoni eżistenti huma differenti minn Stat Membru għal ieħor; billi, biex ikunu evitati għadd ta' spezzjonijiet, li fl-effett tagħhom ikunu xkiel għaċ-moviment liberu ta' tankijiet, għandhom isiru arranġamenti għar-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri ta' spezzjoni mill-Istati Membri; billi, biex ikun iffaċilitat r-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri ta' spezzjoni, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri armonizzati tal-Komunità u għandhom ikunu armonizzati l-kriterji biex jinħatru l-korpi responsabbli ħalli jagħmlu t-testijiet, sorveljanza u verifika;

<sup>(1)</sup> ĠU C 89, tal-15.4.1986, p. 2.<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Ġunju, 1987 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).<sup>(3)</sup> ĠU C 328, tat-22.12.1986, p. 20.<sup>(4)</sup> ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.

Billi l-preżenza tal-marka 'CE' fuq tankijiet sempliċi ta' pressjoni tindika li dan jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għalhekk ma jkunx hemm għalfejn, meta tank ikun impurtat u mqiegħed għax-xogħol, li jiġu rrepetuti l-ispezzjonijiet li diġà jkunu saru; billi minkejja li tankijiet sempliċi ta' pressjoni jafu jirrappreżentaw perikolu lis-sigurtà; billi għandha għalhekk issir dispożizzjoni għal proċedura biex jitnaqqas dan il-periklu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## IL-KAPITOLU I

### Qasam ta' l-applikazzjoni, tqegħid fis-suq u moviment liberu

#### Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għal tankijiet sempliċi ta' pressjoni manifatturati f'sensiela.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'tank sempliċi ta' pressjoni' jfisser kontenitur iwweldjat soġġett għal pressjoni interna mmarkata li hi aktar minn 0,5 bar li huwa maħsub biex ikollu arja jew nitroġenu u li mhuwiex maħsub li jiġi sparat.

Barra dan,

— il-partijiet u armar li jikkontribwixxu għas-saħħa tat-tank taħt pressjoni għandhom ikunu magħmula minn azzar mhux imħallat ta' kwalità jew ta' aluminju mhux imħallat jew taħlit ta' aluminju li ma jibbisx biż-żmien,

— it-tank għandu jkun magħmul minn:

— jew parti ċilindrika ta' felli li jdur bħal ċirku magħluq bi truf iddixxjati 'l barra u/jew cattli li jdur madwar l-istess fus immaġinarju li miegħu ddu il-parti ċilindrika,

— jew żewġ itruf iddixxjati li jdur madwar l-istess fus immaġinarju,

— il-pressjoni massima operattiva it-tank ma għandhiex taqbeż 30 bar u l-prodott ta' dik il-pressjoni u l-kapaċità tat-tank (PS.V) ma għandhiex taqbeż 10 000 bar/litru.

— it-temperatura minima operattiva ma għandhiex tkun anqas minn 50 °C taħt iż-żero u t-temperatura massima operattiva ma għandhiex tkun ogħla minn 300 °C għal tankijiet ta' l-azzar u 100 °C għal tankijiet ta' aluminju jew ta' aluminju mħallat.

3. It-tankijiet li ġejjin għandhom ikunu esklużi mill-fini tad-Direttiva:

— tankijiet ddisinjati speċifikament għal użu nukleari, li falliment tagħhom jista' jikkawża ħruġ ta' radjuattività,

— tankijiet maħsuba speċifikament għal stallazzjoni f'vapuri u ajruplani jew għall-propulsjoni tagħhom,

— apparat għat-tifi tan-nar.

#### Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex jiżguraw li t-tankijiet li għalihom jirreferi Artikolu 1, minn hawn 'l hemm imsejħa bħala 'tankijiet', jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jiddaħħlu fis-servizz biss jekk ma jikkompromettux is-sigurtà ta' persuni, annimali domestiċi jew proprjetà meta stallati u ssir manutenzjoni sew u meta wżati għall-finijiet li għalihom huma maħsuba.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jaffettwawx id-dritt ta' Stati Membri li jispeċifikaw - b'osservanza xierqa tat-Trattat - il-ħtiġijiet li huma jaħsbu li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-ħaddiema jkunu protetti meta jkunu qegħdin jużaw it-tankijiet, sakemm dan ma jfissirx li t-tankijiet jkunu modifikati b'mod li m'huwiex speċifikat f'din id-Direttiva.

#### Artikolu 3

1. Tankijiet li l-prodott ta' PS u V tagħhom jaqbeż il-50 bar/litru għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' sigurtà essenzjali mfissra f'Anness I.

2. Tankijiet li l-prodott PS u V tagħhom huwa 50 bar/litru jew anqas għandhom ikunu manifatturati bi qbil ma' prattika soda ta' inġinerija f'wieħed mill-Istati Membri u li jkollhom il-marki kif stabbilit fit-taqsim 1 ta' Anness II miktubin fuqhom, bl-eċċezzjoni għall-marka CE li għalihom jirreferi Artikolu 16.

#### Artikolu 4

L-Istati Membri ma għandhomx ifixklu t-tqegħid fis-suq jew dħul fis-servizz fit-territorju tagħhom ta' tankijiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jippreżumu konformità mal-ħtiġijiet ta' sigurtà essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3 rigward tankijiet li għandhom il-marka CE li turi konformità man-normi nazzjonali rilevanti li jinkorporaw in-normi armonizzati li n-numri ta' riferenza tagħhom ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Stati Membri għandhom jipubblikaw in-numri ta' riferenza ta' normi nazzjonali bħal dawn.

2. Stati Membri għandhom jippreżumu li tankijiet li għalihom il-manifattur ma applikax, jew applika parti biss, in-normi li għalihom jirreferi l-paragrafu 1, jew li għalihom ma jeżistux normi bħal dawn, jikkonformaw mal-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3 fejn, wara li jkun inkiseb ċertifikat ta' eżami tat-tip KEE, il-konformità tagħhom mal-mudell approvat tkun ġiet ċertifikata bit-twaħħil tal-marka KE.

## Artikolu 6

1. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni, jikkundisdraw li n-normi armonizzati li għalihom jirreferi Artikolu 5(1) ma jilhqax kompletament il-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru konċernat għandu jieħdu l-każ quddiem il-Kumitat Permanenti stabbilit skond id-Direttiva 83/189/KEE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-kumitat', u jagħti r-raġunijiet ta' dan. Il-Kumitat għandu jagħti opinjoni mingħajr dewmien. Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri jekk huwiex meħtieġ jew le li jkunu rtirati dawk in-normi mill-pubblikazzjonijiet li għalihom jirreferi Artikolu 5(1).

## Artikolu 7

1. Fejn Stat Membru jsib li tankijiet li fihom il-marka CE u li huma wżati bi qbil ma' l-għan maħsub għalihom jafu jikkompromettu s-sigurtà ta' persuni, annimali domestiċi jew proprjetà, huwa għandu jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jirtira dawk il-prodotti mis-suq jew biex jipprojbixxi jew jirristrinġi t-teqgħid tagħhom fis-suq.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni dwar kull miżura bħal din, jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, u b'mod partikolari jekk in-nuqqas ta' konformità hijiex dovuta għal:

- (a) falliment biex jintlaħqu l-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 3, fejn it-tank ma jilħaqx in-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1);
- (b) applikazzjoni li m'hijiex korretta tan-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1);
- (ċ) nuqqasijiet fin-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet konċernati kemm jista' jkun malajr. Fejn, wara konsultazzjoni bħal din, il-Kummissjoni ssib li kull miżura li għaliha jirreferi l-paragrafu 1 tkun ġustifikata, hi għandha tinforma minnufih lill-Istat Membru li jkun ħa l-azzjoni kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra. Fejn id-deċiżjoni li għaliha jirreferi l-paragrafu 1 tattribwixxi għal nuqqasijiet fin-normi, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-partijiet konċernati, għandha ggħib il-każ quddiem il-Kumitat fi żmien xahrejn jekk l-Istat Membru li ħa l-miżuri jixtieq iżommhom u għandha tibda l-proċeduri li għalihom jirreferi Artikolu 6.

3. Fejn tank li ma jikkonformax ikollu l-marka KE, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħdu passi xierqa kontra kull min ikun waħħal il-marka u għandu jinforma lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra dwar dan.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri jinżammu informati dwar il-progress u riżultat ta' din il-proċedura.

## IL-KAPITOLU II

## Proċeduri ta' ċertifikazzjoni

## Artikolu 8

1. Qabel ma tibda l-produzzjoni ta' tankijiet ta' pressjoni l-prodotti PS u V tagħhom tkun taqbeż 50 bar/litru, manifatturati:

- (a) bi qbil man-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1), il-manifattur, jew ir-rappreżentant awtorizzat minnu stabbilit fil-Komunità, għandu bl-għażla tiegħu:
  - jinforma korp approvat ta' spezzjoni kif jirreferi għalih Artikolu 9, li wara li jeżamina d-disinn u l-iskeda tal-manifattura li għalihom jirreferi Anness II 3, għandu jipprepara ċertifikat ta' suffiċjenza li jafferma li l-iskeda hija sodisfaċenti, jew
  - tank prototip għall-eżami tat-tip CE li għalih jirreferi Artikolu 10;
- (b) mhux, jew fparti biss, bi qbil man-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1), il-manifattur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità, għandu jissottometti tank prototip għall-eżami tat-tip CE li għalih jirreferi Artikolu 10.

2. Tankijiet manifatturati bi qbil man-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1) jew bil-prototip approvat għandhom, qabel ma jitqiegħdu fis-suq, ikunu soġġetti:

- (a) għall-verifika CE li għaliha jirreferi Artikolu 11 fejn il-prodotti ta' PS u V jaqbzū 3 000 bar/litru:
- (b) għall-għażla tal-manifattur, fejn il-prodotti ta' PS u V ma jaqbżux 3 000 bar litru imma jaqbzū 50 bar/litru:
  - jew għad-dikjarazzjoni ta' konformità CE li għaliha jirreferi Artikolu 12, jew
  - għall-verifika CE li għaliha jirreferi Artikolu 11.

3. Ir-reġistri, u korrispondenza marbuta mal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni li għalihom jirreferu l-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkitbu bl-ilsien uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-korp approvat jew b'lsien aċċettat minn dak il-korp.

## Artikolu 9

1. Kull Stat Membru għandu javża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-korpi approvati responsabbli biex iwettqu l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni li għalihom jirreferi Artikolu 8(1) u (2). Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' dawn il-korpi u n-numru li jiddistingwihom li allokat għalihom, għall-finijiet ta' informazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u għandha tiżgura li l-lista tinżamm aġġornata.

2. Anness III jelenka l-kriterji minimi li Stati Membri għandhom jilhq u b'rigward għall-approvazzjoni ta' dawn il-korpi.

3. Stat Membru li jkun approva korp għandu jirtira l-approvazzjoni jekk jinduna li l-korp m'għadux jilħaq il-kriterji elenkati f'Anness III. Huwa għandu immedjatament jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

### Eżami tat-tip CE

#### Artikolu 10

1. L-eżami tat-tip CE hija l-proċedura li biha korp approvat ta' spezzjoni jaċċerta u jiċċertifika li tank prototip jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalih.

2. L-applikazzjoni għal eżami tat-tip CE għandha ssir mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat minnu ma' korp approvat ta' spezzjoni wieħed rigward tank prototip jew prototip li jirrappreżenta familja ta' tankijiet. Dak ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun stabbilit fil-Komunità.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat minnu u l-post ta' manifattura tat-tankijiet,
- l-iskeda tad-disinn u l-manifattura li għalihom jirreferi Anness II 3.

Hija għandha tkun akkumpanjata minn tank li jkun rappreżentattiv tal-produzzjoni preveduta.

3. Il-korp approvat għandu jagħmel l-eżami tat-tip CE fil-manjiera deskritta hawn taħt.

Huwa għandu jeżamina mhux biss l-iskeda tad-disinn u l-manifattura biex jiċċekkja l-konformità tiegħu, iżda wkoll t-tank sottomess.

Meta jeżamina t-tank, il-korp għandu:

- (a) jivverifika li t-tank ġie mmanifatturat b'mod konformi ma' l-iskeda tad-disinn u manifattura u li jista' jintuża b'mod sigur fil-kundizzjonijiet tax-xogħol maħsuba għalih;
- (b) jagħmel eżamijiet u testijiet xierqa biex jiċċekkja li t-tank huwa konformi mal-ħtiġijiet essenzjali applikabbli għalih.

4. Jekk il-prototip huwa konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli għalih il-korp għandu jipprepara ċertifikat ta' l-eżami tat-tip CE li għandu jintbagħat lill-applikant. Dak iċ-ċertifikat għandu jiddikjara l-konklużjonijiet ta' l-eżami, jindika xi kundizzjonijiet li għalihom tista' tkun soġġetta l-pubblikazzjoni tiegħu u jkun akkumpanjat mid-deskrizzjonijiet u tpinġijiet meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-prototip approvat.

Il-Kummissjoni, il-korpi approvati l-oħra u l-Istati Membri l-oħra jistgħu jiksbu kopja taċ-ċertifikat u, b'talba raġunata, kopja ta' l-iskeda tad-disinn u manifattura u r-rapporti dwar l-eżamijiet u t-testijiet li jkun saru.

5. Korp li jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' eżami tat-tip CE għandu jinforma lill-korpi approvati l-oħra dwar dan. Korp li jirtira ċertifikat ta' eżami tat-tip CE jinforma dwar dan lill-Istat Membru li jkun approvat. Dan ta' l-aħħar għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar dan, u jagħti r-raġunijiet li wasslu għad-deċizzjoni.

### Verifika CE

#### Artikolu 11

1. L-iskop tal-verifika CE huwa li tiċċekkja ċertifikazzjoni li tankijiet manifatturati f'sensjela jikkonformaw man-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1) jew mal-prototip approvat. Hija għandha tkun esegwita minn korp approvat ta' spezzjoni bi qbil mad-dispożizzjonijiet elenkati hawn taħt. Dak il-korp għandu joħroġ ċertifikat tal-verifika CE u jwajhal il-marka ta' konformità li hemm provdut għaliha f'Artikolu 16.

2. Il-verifika għandha tkun esegwita fuq il-lottijiet ta' tankijiet sottomessi mill-manifattur tagħhom jew mir-rappreżentant awtorizzat minnu stabbilit fil-Komunità. Lottijiet għandhom ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip CE li għalih jirreferi Artikolu 10 jew, jekk it-tankijiet ma jkunux manifatturati bi qbil ma' prototip approvat, bl-iskeda ta' disinn u manifattura li għalihom jirreferi Anness II taqsima 3. Fil-każ ta' l-aħħar il-korp approvat għandu, qabel il-verifika KE, jeżamina l-iskeda biex jiċċertifika l-konformità tagħha.

3. Meta lott jiġi eżaminat, il-korp ta' spezzjoni għandu jiżgura li t-tankijiet ġew manifatturati u ċċekkati bi qbil ma' l-iskeda ta' disinn u manifattura u għandu jagħmel test idrostatiku jew, test pneumaticu ta' effett ekwivalenti fuq kull tank fil-lott bi pressjoni Ph ugħwali għal darba u nofs tal-pressjoni fuq id-disinn tat-tank biex tkun iċċekkjata s-saħħa tiegħu. It-test prematur għandu jkun soġġett għal aċċettazzjoni tal-proċeduri għas-sigurtà tat-test mill-Istati Membri li fihom isir it-test. Aktar minn hekk, il-korp ta' spezzjoni għandu jesegwixxi testijiet fuq biċċiet tat-test meħudin minn biċċa tat-test tal-produzzjoni rappreżentattiva jew minn tank, kif jagħżel il-manifattur, biex tkun eżaminata l-kwalità ta' iwweldjar. It-testijiet għandhom isiru fuq weldjaturi lonġitudinali. Iżda, fejn teknika differenti ta' iwweldjar jintużaw għal weldjaturi lonġitudinali u ċirkulari, it-testijiet għandhom jerġgħu jsiru fuq weldjaturi ċirkulari.

4. Għat-tankijiet li għalihom tirreferi t-taqsimi 2.1.2 ta' Anness I, dawn it-testijiet fuq biċċiet għat-test għandhom jinbidlu b'test idrostatiku fuq ħames tankijiet meħudin bl-addoċ minn kull lott, biex ikun iċċekkjat li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tat-taqsimi 2.1.2 ta' Anness I.

## Dikjarazzjoni ta' konformità CE

### Artikolu 12

1. Manifattur li jissodisfa l-obbligi li joħorġu minn Artikolu 13 għandu jwajhal il-marka CE li hemm provdut għaliha f'Artikolu 16 għal tankijiet li huwa jiddikjara li huma konformi man-normi, li għalihom jirreferi Artikolu 5(1) jew ma' prototip approvat. B'din id-dikjarazzjoni ta' proċedura ta' konformità CE l-manifattur jiġi soġġett għal sorveljanza CE, f'każi fejn il-prodott ta' PS u V jaqbeż 200 bar/litru.

2. L-iskop tas-sorveljanza CE hija biex ikun żgurat, kif meħtieġ b'Artikolu 14(2), li l-manifattur jissodisfa l-obbligi li joħorġu minn Artikolu 13(2). Sorveljanza għandha ssir mill-korp approvat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip CE li għalih jirreferi Artikolu 10 fejn it-tankijiet kienu ġew manifat- turati bi qbil ma' prototip approvat jew, jekk dan ma jkunx il-każ, mill-korp approvat li lilu tkun intbagħtet l-iskeda tad-disinn u manifattura bi qbil ma' Artikolu 8(1)(a), l-ewwel inċiż.

### Artikolu 13

1. Fejn manifattur juża l-proċedura li għaliha jirreferi Arti- kolu 12, huwa għandu, qabel jibda l-manifattura, jibgħat lill-korp approvat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip CE jew iċ-ċertifikat ta' suffiċjenza, dokument li jiddeskrivi l-proċes- si tal-manifattura u l-miżuri sistematiċi deċiżi minn qabel meħuda biex tkun żgurata konformità tat-tankijiet ta' pressjoni man-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1) jew il-prototip approvat.

Dan id-dokument għandu jinkludi:

- (a) deskrizzjoni tal-mezz ta' manifattura u ċċekkjar xieraq għall-kostruzzjoni tat-tankijiet;
- (b) dokument ta' spezzjoni li jiddeskrivi l-eżamijiet u testijiet xierqa li għandhom isiru waqt il-manifattura, flimkien mal-proċeduri ta' dawn u l-frekwenza li bihom għandhom isiru;
- (ċ) impenn li jsiru l-eżamijiet u testijiet bi qbil mad-dokument ta' spezzjoni li għalih jirreferi hawn fuq u li jsir test

idrostatiku jew, soġġett għall-ftehim ta' l-Istat Membru, test pneumaticu esegwit fuq kull tank manifatturat bi pressjoni tat-test ugwali għal darba u nofs il-pressjoni tad-disinn.

Dawn l-eżamijiet u testijiet għandhom isiru bir-responsibbi- lità ta' ħaddiema kwalifikati li jkunu indipendenti biżżejjed minn nies impjegati tal-produzzjoni, u għandhom ikunu koperti b'rapport;

(d) l-indirizzi tal-postijiet ta' manifattura u ħażna u d-data li fiha għandha tibda l-manifattura.

2. B'żieda, meta l-prodott ta' PS u V jaqbeż 200 bar/litru, il-manifatturi għandhom jawtorizzaw aċċess għall-imsemmijin postijiet ta' manifattura u ħażna mill-korp responsabbli għal sorveljanza CE, għal finijiet ta' spezzjoni, u għandhom jipper- mettu lil dak il-korp li jagħżel kampjuni ta' tankijiet u għand- hom jipprovdh bl-informazzjoni meħtieġa kollha, u b'mod partikolari:

— l-iskeda ta' disinn u manifattura,

— ir-rapport ta' spezzjoni,

— iċ-ċertifikat tat-tip CE jew ċertifikat ta' suffiċjenza, fejn xieraq,

— rapport dwar l-eżamijiet u testijiet li saru.

### Artikolu 14

1. Il-korp approvat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat tat-tip CE jew iċ-ċertifikat ta' suffiċjenza għandu, qabel id-data li tibda kull manifattura, jeżamina sew id-dokument li għalih jirreferi Arti- kolu 13(1) u sew l-iskeda ta' disinn u manifattura li għalihom jirreferi Anness II, taqsimi 3, biex tkun iċċertifikata l-konfor- mità tagħhom fejn tankijiet ma jkunux manifat- turati bi qbil mal-prototip approvat.

2. B'żieda, fejn il-prodott ta' PS u V jaqbeż 200 bar/litru, dak il-korp għandu waqt il-manifattura:

— jiżgura li l-manifattur effettivament jiċċekkja tankijiet pro- dotti f'sensiela bi qbil ma' Artikolu 13(1)(ċ),

— jieħu kampjuni bl-addoċ fil-postijiet ta' manifattura jew fil- post ta' ħażna ta' tankijiet għal finijiet ta' spezzjoni.

Il-korp għandu jissupplixxi kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill- Istat Membru li approvaha, u, b'talba, lill-korpi approvati l- oħra, l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

## IL-KAPITOLU III

**Marka KE***Artikolu 15*

Fejn hu stabbilit li l-marka CE twaħħlet b'mod ħażin fuq tankijiet għaliex:

- huma ma jikkonformawx mal-prototip approvat,
- huma jikkonformaw ma' prototip approvat li ma jilħaqx il-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3,
- huma ma jikkonformawx, rigward it-tankijiet li għalihom jirreferi Artikolu 8(1)(a), man-normi relevanti li għalihom jirreferi Artikolu 5(1).
- il-manifattur ikun naqas li jissodisfa l-obbligi tiegħu li jinsabu f'Artikolu 13,

il-korp responsabbli għal sorveljanza CE għandu jirrapporta lill-Istat Membru konċernat u, fejn xieraq, jirtira ċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip CE.

*Artikolu 16*

1. Il-marka CE u l-iskrizzjonijiet li hemm provdut għalihom f'Anness II, taqsima 1, għandhom jitwawhlu b'mod viżibbli, li jinqraw faċilment u f'forma li ma titħassarx mat-tank jew fuq pjanċa ta' informazzjoni mwaħħla mat-tank b'mod li ma tistax tinqala'.

Il-marka CE għandha tikkonsisti fis-simbolu **CE**, l-aħħar żewġ ċifri tas-sena li fiha twaħħlet il-marka, u n-numru li jiddistingwiha li għalih jirreferi Artikolu 9(1) tal-korp approvat ta' spezzjoni responsabbli għal verifika CE jew sorveljanza CE.

2. It-twawhil ma' tankijiet ta' marki jew skrizzjonijiet li jistgħu jitħawwdu mal-marka CE għandu jkun ipprobit.

## IL-KAPITOLU IV

**Dispożizzjonijiet finali***Artikolu 17*

Kull deċiżjoni meħuda skond din id-Direttiva u li tirriżulta f'restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq u/jew it-teħid fis-servizz ta' tank għandha tiddikjara r-raġunijiet eżatti dwar fuqhiex inhi bbażata. Deċiżjoni bħal din għandha tkun innotifikata mingħajr dewmien lill-parti konċernata, li fl-istess ħin għandha tkun infurmata dwar ir-rimedji għudizzjali disponibbli lilu fil-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru fil-kwistjoni u dwar il-limiti taż-żmien li għalihom huma soġġetti dawn ir-rimedji.

*Artikolu 18*

1. Qabel l-1 ta' Jannar, 1990, Stati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih dwar dan.

Huma għandhom japplikaw dispożizzjonijiet bħal dawn mill-1 ta' Lulju, 1990.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju, 1987.

*Għall-Kunsill,*

*Il-President*

H. DE CROO

## ANNEX I

Il-ħtiġijiet essenzjali tas-sigurtà għat-tankijiet huma mniżżla hawn taħt:

## 1. MATERJALI

Il-materjali għandhom jintgħażlu skond l-użu maħsub tat-tankijiet u bi qbil ma' 1.1 sa 1.4.

## 1.1. Partijiet taħt pressjoni

Il-materjali li għalihom jirreferi Artikolu 1 li huma wżati għall-manifattura tal-partijiet taħt pressjoni għandhom ikunu:

- kapaċi li jiġu wwdjati,
- duttili u b'saħħithom, biex xi ksur b'temperatura minima operattiva ma tippermettix tfarrik jew ksur tat-tip fraġli,
- m'huwiex affettwat avversament biż-żmien.

Għal tankijiet ta' l-azzar, il-materjali għandhom ukoll jilhq u l-ħtiġijiet imniżżla fit-taqsima 1.1.1 u, għal tankijiet ta' l-aluminju jew ta' aluminju mħallat, dawk imniżżla fit-taqsima 1.1.2.

Huma għandhom ikunu akkumpanjati minn karta ta' spezzjoni ppreparata mill-produttur tal-materjali kif deskritt f'Anness II.

## 1.1.1. Tankijiet ta' l-azzar

Azzar mhux imħallat ta' kwalità jilħaq il-ħtiġijiet li ġejjin:

- (a) huwa ma għandux ikun effervexxenti u jkun fornut wara trattament ta' normalizzazzjoni, jew fi stat ekwivalenti;
- (b) il-kontenut ta' karbonju għal kull prodott għandu jkun inqas minn 0,25 % u dak ta' kubrit u fosfru għandu jkun inqas minn 0,05 % f'kull każ.
- (c) huma għandu jkollhom il-kwalitajiet mekkaniċi li ġejjin għal kull prodott:
  - ta' tensjoni massima  $R_{m, mass}$  għandha tkun inqas minn 580 N/mm<sup>2</sup>,
  - wara l-ksur għandu jkun:
    - il-biċċiet tat-test jittieħdu paralleli għad-direzzjoni ta' l-irrumblar:
      - ħxuna  $\geq 3$  mm:  $A \geq 22$  %,
      - ħxuna  $< 3$  mm:  $A_{80\text{ mm}} \geq 17$  %,
    - il-biċċiet tat-test jittieħdu perpendikolari għad-direzzjoni ta' l-irrumblar:
      - ħxuna  $\geq 3$  mm:  $A \geq 20$  %,
      - ħxuna  $< 3$  mm:  $A_{80\text{ mm}} \geq 15$  %
  - il-medja ta' telf ta' enerġija KCV għal tliet biċċiet tat-test lonġitudinali f'temperatura minima operattiva ma għandhiex tkun inqas minn 35 J/cm<sup>2</sup>. Mhux aktar minn wieħed mit-tliet ċifri ma tista' tkun inqas minn 35 J/cm<sup>2</sup>, b'minimu ta' 25 J/cm<sup>2</sup>.

Fil-każ ta' azzar użat fil-manifattura ta' tankijiet li t-temperatura minima operattiva tagħhom tkun inqas minn -10 °C u li l-ħxuna tal-ħitan tagħhom ma taqbiżx ħames mm, din il-kwalità għandha tkun iċċekkjata.

## 1.1.2. Tankijiet ta' l-aluminju

Aluminju mhux imħallat għandu jkollu kontenut ta' aluminju ta' mill-anqas 99,5 % u dawk it-taħlitiet deskritti f'Artikolu 1(2) għandhom juru reżistenza adegwata għall-korrożjoni interkristallina f'temperatura massima operattiva.

Aktar minn hekk, dawn il-materjali għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin:

- (a) huma għandhom jiġu fornuti fi stat temprat; u
- (b) għandu jkollhom il-kwalitajiet mekkaniċi li ġejjin għal kull prodott:
  - is-saħħa massima ta' tensjoni  $R_{m, mass}$  m'għandhiex tkun aktar minn 350 N/mm<sup>2</sup>,
  - it-titwil wara l-ksur għandu jkun:
    - A 16 % jekk il-biċċa għat-test hija meħuda paralleli għad-direzzjoni ta' l-irrumblar,
    - A 14 % jekk il-biċċa għat-test hija meħuda perpendikolari għad-direzzjoni ta' l-irrumblar,

## 1.2 Materjali għall-iwweldjar

Il-materjali għall-iwweldjar użati biex ikunu manifatturati l-weldjaturi fuq jew tat-tank għandhom ikunu xierqa għal u kompatibbli mal-materjali li se jkunu jiġu wweldjati.

## 1.3 Aċċessorji li jikkontribwixxu għas-saħħa tar-reċipjent

Dawn l-aċċessorji (eż boltijiet u skorfini) għandhom ikunu magħmula minn materjal speċifikat f'1.1 jew ta' tipi oħra ta' azzar, aluminju jew aluminju mħallat kompatibbli mal-materjali wżati għall-manifattura ta' partijiet taħt pressjoni.

Dawn il-materjali għandhom ikollhom titwil xieraq wara ksur u saħħa f'temperatura minima operattiva.

## 1.4 Partijiet li ma humiex taħt pressjoni

Il-partijiet kollha tat-tankijiet wweldjali li ma humiex taħt pressjoni għandhom ikunu ta' materjali li huma kompatibbli ma' dak tal-komponenti li magħhom huma wweldjati.

## 2. DISINN TAT-TANK

Il-manifattur għandu, meta jiddisinja t-tank, jiddefinixxi l-użu li għalih se jkun soġġett, u jagħżel:

- it-temperatura minima operattiva  $T_{min}$ ,
- it-temperatura massima operattiva  $T_{mass}$ ,
- il-pressjoni massima operattiva PS.

Iżda, jekk tingħażel temperatura minima operattiva li taqbeż 10°C, il-kwalitajiet meħtieġa mill-materjali għandhom ikunu sodisfatti f'temperatura ta' -10° C.

Il-manifattur għandu jinnota wkoll id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- għandu jkun possibbli li jkun spezzjonat il-ġewwieni tat-tankijiet,
- għandu jkun possibbli li jibattlu t-tankijiet,
- il-kwalitajiet mekkaniċi għandhom jinżammu għat-tul kollu tal-perjodu ta' l-użu tat-tank għall-iskop maħsub,
- it-tankijiet għandhom, bil-ħsieb ta' l-użu preskritt tagħhom, ikunu protetti b'mod suffiċjenti kontra l-korrożjoni,

u l-fatt li fil-kundizzjonijiet ta' l-użu maħsuba

- it-tankijiet ma jiġux soġġetti għal tensjonijiet li kapaċi jfixklu s-sigurtà tagħhom fl-użu,
- il-pressjoni interna ma għandhiex tkun aktar mill-pressjoni massima operattiva PS għal dejjem; iżda tista' tagħmel hekk għal żmien qasir ħafna sa 10 %.

Ħjatat ċirkulari u lonġitudinali għandhom isiru bl-użu ta' weldjaturi ta' penetrazzjoni mimlija jew weldjaturi ta' effett ekwivalenti. Truf konvessi barra minn dawk emisferi għandu jkollhom tarf ċilindriku.

## 2.1 Ħxuna tal-ħajt

Jekk il-prodott PS.V ma jkunx aktar minn 3 000 bar/litru, il-manifattur għandu jagħżel wieħed mill-metodi deskritti f' 2.1.1 u 2.1.2 biex jiddeċiedi l-ħxuna tal-ħajt tat-tankijiet; jekk il-prodott ta' PS u V ikun aktar minn 3 000 bar/litru, jew it-temperatura massima operattiva tkun aktar minn 100 °C, ħxuna bħal din għandha tkun deċiża bil-metodu deskritt f'2.1.1.

Il-ħxuna effettiva tal-ħajt tat-taqsimu ċilindriku u t-truf għandha, iżda ma tkunx anqas minn 2 mm fil-każ ta' tankijiet ta' l-azzar u mhux anqas minn 3 mm fil-każ ta' tankijiet ta' l-aluminju jew ta' l-aluminju mħallat.



### 2.1.1. *Metodu ta' kalkolu*

Il-ħxuna minima ta' partijiet taħt pressjoni għandha tkun kalkulata wara li tiġi kunsidrata l-intensità tal-pressjonijiet u d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- il-pressjoni għall-kalkolu li għandha tiġi nnotata ma għandhiex tkun anqas mill-pressjoni massima operattiva magħżulha,
- it-tensjoni tal-membrana massima permessa ma għandhiex taqbeż l-iċken valuri  $0,6 R_{ET}$  jew  $0,3R_m$ . Il-manifattur għandu juża l-valuri minimi  $R_{ET}$  u  $R_m$  garantiti mill-manifattur tal-materjal biex jiddeċiedi t-tensjoni permessibbli.

Iżda, fejn il-porzjon ċilindriku tat-tank għandu weldjatura waħda jew aktar lonġitudinali magħmulin bl-użu ta' proċess ta' iwweldjar mhux awtomatiku, il-ħxuna kalkulata kif muri hawn fuq għandha tkun immultiplikata bil-koeffiċjent 1,15.

### 2.1.2. *Metodu sperimentali*

Il-ħxuna tal-ħajt għandha tkun deċiża biex tgħin lit-tankijiet jirreżistu f'temperatura ambjentali pressjoni ugwali għal mill-inqas ħames darbiet il-pressjoni massima operattiva, b'deformazzjoni ċirkonferenzjali permanenti ta' mhux aktar minn 1 %.

## 3. PROCÈSS TA' MANIFATTURA

It-tankijiet għandhom jinbnew u jkunu soġġetti għal iċċekkjar waqt il-produzzjoni bi qbil mar-reġistru ta' disinn u manifattura li għalih jirreferi Anness II, taqsima 3.

### 3.1 **Tħejija tal-partijiet komponenti**

Tħejija tal-partijiet komponenti (eż l-iffurmar u ċanfrinar) ma għandhiex tikkawża difetti fil-wiċċ jew qsim jew tibdil fil-karatteristiċi mekkaniċi li jafu jkunu ta' detriment lis-sigurtà tat-tankijiet.

### 3.2 **Weldjaturi fuq partijiet taħt pressjoni**

Il-karatteristiċi ta' weldjaturi u żoni maġenbhom għandhom ikunu simili għal dawk ta' materjali wweldjati u għandhom ikunu ħielsa minn kull difett fil-wiċċ jew intern li jistgħu jkunu ta' detriment lis-sigurtà tat-tankijiet.

Il-weldjaturi għandhom isiru minn *welders* kwalifikati jew minn operaturi li jipproċessaw il-livell ta' kompetenza xierqa, bi qbil mal-proċessi ta' iwweldjar approvati. Approvazzjoni u testijiet ta' kwalifikazzjoni bħal dawn għandhom isiru minn korpi approvati ta' spezzjoni.

Il-manifattur għandu wkoll, waqt il-manifattura, jiżgura kwalità ta' iwweldjar konsistenti billi jaġmel testijiet xierqa bl-użu ta' proċeduri adegwati. Dawn it-testijiet għandhom ikunu s-suġġett ta' rapport.

## 4. TQEGĦID FIS-SERVIZZI TAT-TANKIJET

It-tankijiet għandhom ikunu akkumpanjati mill-istruzzjonijiet magħmula mill-manifattur, kif jirreferi għalihom Anness II, taqsima 2.

## ANNEX II

## 1. MARKA CE U SKRIZZJONIJIET

It-tank jew pjanċa ta' informazzjoni għandu jkollu l-marka CE li hemm provdut għaliha f'Artikolu 16, flimkien ta' l-inqas ma' l-informazzjoni li ġejja:

- il-pressjoni massima operattiva  $PS$  f' bar
- it-temperatura massima operattiva  $T_{max}$  f' °C
- it-temperatura minima operattiva  $T_{min}$  f' °C
- il-kapaċità tat-tank  $V$  f' L
- l-isem jew marka tal-manifattur
- l-identifikazzjoni tat-tip u sensiela jew lott tat-tank.

Fejn tintuża pjanċa ta' informazzjoni, hi għandha tkun ddisinjata b'mod li ma tistax terġa' tintuża u għandha tinkludi spazju vojta biex tippermetti li tkun provduta informazzjoni oħra.

## 2. STRUZZJONIJIET

L-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- id-dettalji mogħtija f'1 hawn fuq ħlief l-identifikazzjoni tas-sensiela tat-tank,
- l-użu maħsub għat-tank,
- il-ħtiġijiet ta' manutenzjoni u stallazzjoni għal sigurtà tat-tank.

Huma għandhom ikunu fl-ilsien jew ilsna uffiċjali tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

## 3. SKEDI TA' DISINN U MANIFATTURA

L-iskedi ta' disinn u manifattura għandu jkollhom deskrizzjoni tat-teknika u operazzjonijiet użati biex jintlaħqu l-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3 jew in-normi li għalihom jirreferi Artikolu 5(1) u b'mod partikolari:

- (a) tpingġija dettaljata tal-manifattura tat-tip ta' tank;
- (b) l-istruzzjonijiet;
- (c) dokument li jiddeskrivi:
  - il-materjali magħżula,
  - il-proċessi magħżula ta' wweldjar,
  - l-iċċekkjar magħżul,
  - kull dettall li jappartjeni għad-disinn tat-tank.

Fejn jintużaw il-proċeduri stabbiliti f'Artikoli 11 sa 14, l-iskeda għandha tinkludi wkoll:

- (i) iċ-ċertifikati marbuta mal-kwalifika xierqa ta' l-operazzjonijiet ta' iweldjar u tal-welders jew operaturi;
- (ii) il-karta ta' spezzjoni għall-materjali wżati fil-manifattura ta' partijiet u armar li jikkontribwixxu għas-saħħa tat-tank ta' pressjoni;
- (iii) rapport dwar l-eżamijiet u testijiet magħmula jew deskrizzjoni ta' l-iċċekkjar propost.

## 4. DEFINIZZJONIJIET U SIMBOLI

## 4.1. Definizzjonijiet

- (a) Il-pessjoni tad-disinn 'P' hija l-pessjoni mmarkata magħżulha mill-manifattur u wżata biex tkun deċiża l-ħxuna tal-partijiet taħt pressjoni.
- (b) Il-pessjoni massima operattiva 'P' hija l-ogħla pressjoni mmarkata li tista' tiġi eżerċitata f'kundizzjonijiet normali ta' użu.
- (c) It-temperatura minima operattiva  $T_{min}$  hija l-iktar temperatura baxxa stabbilizzata fil-ħajt tat-tank f'kundizzjonijiet normali ta' użu.
- (d) It-temperatura massima operattiva  $T_{mass}$  hija l-ogħla temperatura stabbilizzata li l-ħajt tat-tank jista' jikseb f'kundizzjonijiet normali ta' użu.
- (e) Is-saħħa ta' li joħroġ ' $R_{ET}$ ' hija l-valur fit-temperatura massima operattiva  $T_{mass}$
- ta' fuq ta' dak li joħroġ ReH, għal materjal b'punti ta' li joħroġ sew fuq u sew taħt,
  - tal-prova ta' tensjoni  $R_p 0,2$ ,
  - tal-prova ta' tensjoni  $R_p 1,0$  fil-każ ta' aluminju mhux imħallat.
- (f) Familji ta' tankijiet:
- Tankijiet jiffurmaw parti mill-istess familja jekk ikunu differenti mill-prototip biss fid-dijametru, sakemm il-ħtiġijiet permessibbli li għalihom jirreferu t-taqsimiet 2.1.1 jew 2.1.2 t'Anness I ikunu mħarsa u/jew fit-tul tal-porzjon ċilindriku fi ħdan il-limiti li ġejjin:
- prototip ikollu ċurkett jew aktar fil-qoxra barra mit-truf, varjanti fil-familja għandu jkollhom mill-inqas ċurkett wieħed fil-qoxra.
  - prototip ikollu biss żewġ itruf iddixxjati, varjanti fil-familja m'għandux ikollhom ċrieket fil-qoxra.
- Varjazzjonijiet fit-tul li jikkawżaw aperturi u/jew penetrazzjonijiet li għandhom ikunu modifikati għandhom jintwerew fit-tpinġijiet għal kull varjant.
- (g) Lott ta' tankijiet jikkonsisti l-aktar minn 3 000 tank tal-mudell ta' l-istess tip.
- (h) Hemm il-manifattura f'serensiela fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva jekk aktar minn tank wieħed ta' l-istess tip jiġi manifatturat waqt perjodu mogħti bi proċess ta' manifattura kontinwa, bi qbil ma' disinn komuni u bl-użu ta' l-istess proċessi ta' manifattura.
- (i) karta ta' spezzjoni: dokument li bih il-produttur jiċċertifika li l-prodotti kkunsinjati jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-ordni u li fih iniżżel ir-riżultati tat-test ta' spezzjoni b'rutina fl-impjant, b'mod partikolari l-komposizzjoni kimika u l-karatteristiċi mekkaniċi magħmula fuq prodotti magħmula bl-istess proċess ta' produzzjoni bħall-kunsinna, iżda mhux bilfors fuq il-prodott kkunsinjat.

## 4.2. Simboli

A	Titwil wara ksur ( $L_o = 5,65 \sqrt{S_o}$ )	%
A 80 mm	Titwil wara ksur ( $L_o = 80\text{mm}$ )	%
KCV	Enerġija tal-ksur	J/cm <sup>2</sup>
P	Pressjoni tad-disinn	bar
PS	Pressjoni operattiva	bar
$P_h$	Pressjoni tat-test idrostatiku jew pneumaticu	bar
$R_p 0,2$	Stress bi prova ta' 0,2 %	N/mm <sup>2</sup>
$R_{ET}$	Saħħa ta' x'joħroġ f'temperatura massima operattiva	N/mm <sup>2</sup>
$R_{eH}$	Punt ta' fuq ta' x'joħroġ	N/mm <sup>2</sup>
$R_m$	Saħħa tat-tensjoni	N/mm <sup>2</sup>
$T_{mass}$	Temperatura massima operattiva	°C
$T_{min}$	Temperatura minima operattiva	°C
V	Kapaċità tat-tank	L
$R_{m, mass}$	Saħħa massima tat-tensjoni	N/mm <sup>2</sup>
$R_p 1,0$	Stress bi prova ta' 1,0 %	N/mm <sup>2</sup>

## ANNEX III

**KRITERJI MINIMI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNISDRATI MILL-ISTATI MEMBRI META JINNOMINAW IL-KORPI TA' SPEZZJONI**

1. Il-korp ta' spezzjoni, id-direttur tiegħu u l-impjegati responsabbli biex isiru t-testijiet tal-verifika ma għandhomx ikunu d-disinjatur, manifattur, fornitur jew stallatur ta' tankijiet li huma jspezzjonaw, u lanqas ir-rappreżentanti awtorizzati ta' xi wieħed minn dawk il-partijiet. Huma ma għandhomx ikunu involuti direttament fid-disinn, kostruzzjoni, bejgħ jew manutenzjoni tat-tankijiet, u lanqas ma jirrappreżentaw lill-partijiet iнгаgġati f'dawn l-attivitajiet. Dan ma jipprekludix il-possibbiltà ta' tpartit ta' informazzjoni teknika bejn il-manifattur u l-korp ta' spezzjoni.
  2. Il-korp ta' spezzjoni u l-ħaddiema tiegħu għandhom jeseqwu t-testijiet ta' verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika u għandhom ikunu ħielsa minn pressjonijiet u persważjonijiet, b'mod partikolari dawk finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati ta' l-ispezzjoni, speċjalment minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultat tal-verifika.
  3. Il-korp ta' spezzjoni għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-ħaddiema meħtieġa u għandu jkollu l-faċilitajiet meħtieġa biex ikun jista' jeseqwi sew ix-xogħlijiet amministrattivi u tekniċi konnessi mal-verifika; għandu wkoll ikollu aċċess għall-apparat meħtieġ għal verifika speċjali.
  4. Il-ħaddiema responsabbli għall-ispezzjoni għandu jkollhom:
    - taħriġ tekniku u professjonali sod,
    - taħriġ sodisfaċenti dwar il-ħtiġijiet tat-testijiet li jagħmlu u esperjenza adegwata ta' dawn it-testijiet.
    - il-kapaċità li jippreparaw iċ-ċertifikati, reġistri u rapporti meħtieġa biex jawtentikaw l-andament tat-testijiet.
  5. L-imparzjalità tal-ħaddiema ta' spezzjoni għandha tkun garantita. Il-ħlas tagħhom ma għandux jiddependi mill-għadd ta' testijiet li jagħmlu u lanqas mir-riżultati ta' dawn it-testijiet.
  6. Il-korp ta' spezzjoni għandu jkollu assigurazzjoni ta' responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà tagħha tittieħed mill-Istat skond il-liġi nazzjonali, jew l-Istat Membru nnifsu huwa responsabbli direttament għat-testijiet.
  7. Il-ħaddiema tal-korp ta' spezzjoni huwa marbut li josserva s-segretezza professjonali rigward l-informazzjoni kollha miksuba fl-esekuzzjonijiet tax-xogħlijiet tiegħu (ħlief rigward l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istat li fiha saru l-attivitajiet) f'din id-Direttiva jew kull dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali li jagħtiha effett.
-